MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 538/2003

**“A”**

**vs**

**“B”**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 2 ta’ Gunju 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi, l-kontendenti konjugi zzewgu Malta fis-26 ta’ Awissu 1969 (certifikat taz-zwieg anness bhala Dok. “A”) u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, u cioe’ **“C”**, **“D”** u **“F’**;

Illi z-zwieg tal-kontendenti sussegwentment tkisser irrimedjabilment u l-partijiet isseparaw konsenswalment permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella

datat l-1 ta' Lulju tas-sena 1999 (kopja ta' liema hija annessa fil-process bhala Dok. "B");

Illi skond is-subklawzola 4 (i) ta' l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni l-attur huwa bhalissa marbut illi jhallas lill-konvenuta retta alimentarja fl-ammont ta' erbgha u tletin Lira Maltin (Lm34.00) fil-gimgha, li jammontaw ghal mija u sitta u tletin Lira Maltin (Lm136.00) fix-xahar;

Illi fiz-zmien meta sar il-ftehim fil-kuntratt ta' separazzjoni, cioe' fl-1999 ic-cirkostanzi kieu ferm differenti minn dawk ta' llum u dana peress illi l-konvenuta hi a konoxxenza tal-fatt illi tali ammont ta' manteniment kien gie ikkalkolat u miftiehem tenut kont tal-fatt illi dak iz-zmien il-konvenuta kienet tallega illi ma kintix f' posizzjoni illi tahdem minhabba problemi ta' sahha;

Illi l-konvenuta taf sewwa illi issa hi kapaci tahdem peress illi ma ghandha l-ebda problema fizika u peress illi l-attur sar jaf minn diversi nies illi l-konvenuta regghet bdiet tahdem, barra mill-fatt illli possibilment tircievi flus ukoll minn band' ohra;

Illi fl-istess hin l-attur prezentement ghandu problemi serji ta' sahha u ghalhekk ma huwiex f'posizzjoni illi jibqa' jahdem kif kien qabel u sejjer jippercepixxi hafna nqas minn dak illi s' issa kien qieghed jaqla', u peress illi fiz-zmien meta sar il-kuntratt l-attur ma setghax jipprevedi illi kien sejjer ikollu dawn il-probelmi ta' sahha u li c-cirkostanzi kienu ser jinqalbu sa tali punt illi filwaqt li martu issa ma ghandha xejn milli jzommha milli tahdem, hu minhabba raguni ndipendenti mill-volonta' tieghu jinsab f' posizzjoni fejn ser ikollu jnaqqas;

Illi fis-subklawzola 4 (ii) ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni hemm specifikat illi f' kaz illi l-attur jiehu il-pensjoni jew jigi *boarded out*, din il-pensjoni ghandha tinqasam bejn il-partijiet bin-nofs u fi kwoti ugwali;

Illi jehtieg illi din is-subklawsola wkoll tinbidel *stante* illi l-ewwel haga l-kondizzjoni finanzjarja ta' l-attur qed titbiddel hafna ghal-aghar minhabba l-problemi gravi tieghu ta'

sahha u kif ukoll minhabba illi l-konvenuta hija kapaci li tahdem u qieghda tahdem u ghalhekk ma ghandiex bzonn dak l-istess kontribut finanzjarju li kien miftiehem skond il-kuntratt;

Illi fid-dawl tas-suddett lanqas ma huwa gust illi l-attur ser jibqa’ marbut illi jghaddi bhala manteniment nofs il-pensjoni tieghu lill-konvenuta, filwaqt illi l-konvenuta stess, li hija hames snin izghar fl-eta’ mill-attur, u li ghalhekk ser ikun baqaghla snin shah ta’ xoghol quddiemha, u dana waqt illi l-attur ghandu problemi serji ta’ sahha;

Illi saru diversi tentattivi mill-attur sabiex il-partijiet jaslu ghal soluzzjoni dwar din il-vertenza, izda l-konvenuta baqghet qatt ma’ kolloborat;

Illi, l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Prevja dikjarazzjoni illi kemm minhabba l-istat ta’ sahha ta’ l-attur illi sejjer jippercepixxi hafna nqas dhul, u/jew minhabba li l-konvenuta ma ghandhiex aktar bzonn ta’ l-istess ammont ta’ manteniment, u ghalhekk tbiddlu c-cirkostanzi;

**2.** Tirrevedi u tnaqqas l-imsemmi manteniment ta’ erbgha u tletin lira (Lm34.00) fil-gimgha illi ghandu jithallas lill-konvenuta skond is-subklawzola 4 (i) tal-kuntratt ta’ l-1 ta’ Lulju tas-sena 1999, u dana tenut kont tar-ragunijiet migjuba fl-ewwel talba u tas-**subartikolu (1) ta’ l-artikolu 21 u/jew is-subartikolu (2) u/jew (7) ta’ l-artikolu 54 tal-Kap XVI;**

3. Tirrevedi u tnaqqas is-sehem percepibbli mill-konvenuta f’ kaz illi l-attur jiehu l-pensjoni jew jigi boarded out kif kien s’ issa regolat mis-subklawzola 4(ii) tal-kuntratt ta’ l-1 ta’ Lulju tas-sena 1999, u dana tenut kont tar-ragunijiet migjuba fl-ewwel talba, u tas-**subartikolu (1) ta’ l-artikolu 21 u/jew is-subartikoli (2) u/jew (7) ta’ l-artikolu 54 tal-Kap. XVI**;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata l-1 ta’ April 2003, kontra l-konvenuta **“B”**, li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

B’ rizerva ta’ kwalsiasi azzjoni ghad-danni ulterjuri spettanti lill-attur, skond kif jirrizulta fil-mori tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni attrici datata 2 ta’ Gunju 2002, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u fol. 4 tal-process.

Rat il-kuntratt ta’ separazzjoni bonarja fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella datat l-1 ta’ Lulju 1999 esebit bhala Dok. “B” a fol. 7 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet tal-Qorti sabiex il-partiiet iressqu l-provi taghhom bil-procedura ta’ l-affidavits moghti fil-20 ta’ Gunju 2003, fejn il-Qorti pprefiggiet lill-attur sittin (60) gurnata sabiex jipprezenta il-provi kollha li jistghu permezz tal-procedura tal-affidavit bin-notifika lill-kontro-parti li nghata l-istess terminu ta’ sittin (60) gurnata sabiex tipprezenta il-provi kollha li tista’ permezz ta’ l-istess procedura ta’ l-affidavits.

Rat ir-rikors (1) tal-attur datat 19 ta’ Awissu 2003, a fol. 19 fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti biex testendilu t-terminu ghal xahar iehor mid-data ta’ tali terminu.

Rat id-digriet datat 20 ta’ Awissu 2003, fejn il-Qorti ordnat lill-attur biex jiehu hsieb immedjatament in-notifika tac-citazzjoni attrici u l-avviz tas-smiegh tal-kawza; jiehu hsieb in-notifiki tad-digriet tal-affidavit tal-partijiet tal-20 ta’ Gunju 2003 lill-konvenuta; u estendit it-terminu ghall-prezentata ta’ l-affidavits attrici ghall-ahhar darba sad-19 ta’ Settembru 2003 b’dan li dawn issiru b’mod koncizi u bid-dokumenti relattivi u ssir in-notifika taghhom skond id-digriet tal-affidavit tal-partijiet tal-20 ta’ Gunju 2003.

Rat in-nota tal-attur **“A”** datata 20 ta’ Awissu 2003, a fol. 22, li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu stess

bhala Dok. “X” u dan flimkien mad-Dokumenti indikati minn Dok. “MF 1” sa Dok. “MF 10” minn fol. 26 sa fol. 39 tal-process.

Rat in-nota tal-attur datata 25 ta’ Awissu 2003, a fol. 41, li permezz taghha prezenta l-affidavit ta’ **“B2”** u ta’ **“G”**.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 2 ta’ Settembru 2003, a fol. 47, fejn eccepiet bir-rispett:-

1. Illi l-kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali sar bi qbil assolut bejn il-partijiet u l-attur kien kuntent b’ dak li ffirma;

2. Illi l-attur beda johloq il-problemi fl-ghoti tal-manteniment lill-martu, meta sar habib intimu ma’ mara ohra li bhalu hi membru tas-setta ta’ Jahova;

3. Illi l-attur qed johloq il-problemi fil-manteniment kif miftihem ghaliex issa qed jghix u “zzewweg” bir-rit tal-Jahova lil mara ohra li wkoll irid imantniha u mhux ghaliex ghandu problemi ta’ sahha;

4. Illi mhux minnu l-konvenuta tahdem bi qliegh jew qieghda tghix ma’ xi ragel iehor u ghad ghandha problemi ta’ sahha;

5. Illi m’ hemm l-ebda raguni valida la fil-fatt u lanqas fid-dritt li twassal ghal revizjoni u bdil tal-kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali maqbul bejn il-partijiet.

Rat id-dikarazzjoni tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda a fol. 47 u fol. 48 tal-process.

Rat in-nota tal-attur datata 2 ta’ Settembru 2003, a fol. 50 li permezz taghha prezenta l-affidavit ta’ **“H”**.

Rat in-nota tal-attur **“A”**, datata 18 ta’ Settembru 2003, a fol. 53 li permezz taghha prezenta l-affidavit “kontinwattiv tieghu” datat 18 ta’ Settembru 2003.

Rat in-nota tal-konvenuta **“B”** datata 2 ta’ Ottubru 2003, a fol. 64, li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha datat 22 ta’ Settembru 2003 u ta’ **“I”** ta’ l-istess data.

Rat il-verbal datat 5 ta’ Novembru 2003, fejn il-Qorti ppreffiggiet terminu ta' tlettin (30) jum sabiex il-konvenuta tipprezenta l-affidavits kollha taghha. L-attur iddikjara li ma kellux aktar affidavits x'jipprezenta. Il-Qorti nnominat lil Dr Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju sabiex jiffissa zewg seduti ghal kull parti.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 28 ta’ Novembru 2003, a fol. 75 li permezz taghha prezentat l-affidavit ta’ **“F”** datat 24 ta’ Novembru 2003.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fid-9 ta’ Jannar 2004 u fit-12 ta’ Marzu 2004, fejn ma sar xejn kollox kif jidher a fol. 79 tal-process.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fis-27 ta’ Jannar 2004 fejn xehed l-attur **“A”** min jheddu.

Rat ir-rikors (2) tal-attur datat 28 ta’ Jannar 2004, a fol. 86, fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti biex joghgobha tawtorizzah jipproduci bhala xhud lil **“J”** f’ seduta quddiem Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia u dan taht dawk il-provvedimenti kollha illi din il-Qorti jidhrulha xierqa w opportuni.

Rat id-digriet datat 29 ta’ Jannar 2004, fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fil-5 ta’ Frar 2004 fejn xehed l-attur **“A”** in kontro-ezami u fis-16 ta’ Marzu 2004 fejn xehdu **“J”** u ta’ **“B”**.

Rat in-nota ta’ l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia a fol. 97 tal-process.

Rat il-verbal datat 17 ta’ Marzu 2004, fejn il-Qorti ordnat li jinzammu s-seduti gja ffissati mill-Assistent Gudizzjarju a fol. 98 ta-process, u l-konvenuta kellha hmistax-il gurnata biex tesebixxi c-certifikati medici li hija rreferiet ghalihom fl-affidavit taghha.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fejn xehdet il-konvenuta **“B”** fit-28 ta’ April 2004, fid-19 ta’ Mejju 2004 fejn xehed **“F”** u fil-31 ta’ Mejju 2004 fejn ma sar xejn.

Rat il-verbal datat 3 ta’ Gunju 2004, fejn il-Qorti ordnat li tinzamm l-ahhar seduta ghall-provi kollha li kien ghad fadal sa l-ahhar ta' Lulju 2004, wara l-istess provi tal-partijiet gew jigu dikjarati maghluqa.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fl-14 ta’ Ottubru 2004 fejn xehdu **“A”** u **“B”**.

Rat ir-rikors (3) ta’ l-attur datat 15 ta’ Ottubru 2004, a fol. 143 fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti biex joghgobha tawtorizza lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia biex jiffissa seduta sabiex issir il-kontro-ezami tal-konvenuta dejjem taht kull provvediment illi din il-Qorti joghgobha timponi.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Geoffrey Valenzia datat 19 ta’ Ottubru 2004, a fol. 145 fejn laqa’ it-talba.

Rat il-verbal datat 16 ta’ Novembru 2004, fejn il-kawza giet differita minhabba indispozizzjoni ta’ din il-Qorti kif attwalment presjeduta.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fid-29 ta’ Novembru 2004 fejn kompla jsir il-kontro-ezami ta’ **“B”** u fil-21 ta’ Jannar 2005 fejn rega’ tkompla l-kontro-ezami tal-konvenuta **“B”.**

Rat ir-rikors (4) tal-attur datat 18 ta’ Frar 2005, a fol. 173 fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti biex joghgobha

tiddifferixxi l-kawza ghal data ohra u biex tawtorizzah jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet u tipprefiggi terminu ghall-prezentata ta' l-istess.

Rat id-digriet datat 22 ta' Frar 2005, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b' erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat il-verbal datat 2 ta' Marzu 2005, fejn il-Qorti rat ir-rikors tat-18 ta' Frar 2005, irrevokat id-digriet tat-22 ta' Frar 2005, laqghat it-talbiet kif dedotti bil-fakolta' ta' nota t' osservazzjonijiet lill-attur fi zmien 40 jum bin-notifika lill-kontro-parti jew difensur taghha li jkollhom 40 jum ghar-risposta.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur datata 11 ta' April 2005, minn fol. 179 sa fol. 188.

Rat in-nota risponsiva tal-konvenuta datata 16 ta' Mejju 2005, minn fol. 190 sa fol. 198.

Rat il-verbal datat 11 ta' Ottubru 2005 fejn l-attur iddikjara li kien lest ihallas l-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira (Lm25) fil-gimgha minflok l-ammont ta' hamsa u tlettin Lira u dsatax-il centezmu (Lm 35.19). Dr. Reno Borg insista li l-kuntratt jigi osservat peress li l-posizzjoni tal-attur tjiebet. Il-Qorti awtorizzat li ssir korrezzjoni fin-nota tal-osservazzjoni minn Dr. Tufigno *stante* li ma kienx hemm opposizzjoni. Bhala fatt id-difensuri qablu li l-manteniment dejjem thallas skond il-kuntratt. Il-kawza giet diferita ghas-sentenza *in difett' ostacolo* ghat-28 ta' Frar 2006.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob li jigi varjat il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet datat 1 ta' Lulju

1999, fis-sens li ghandu jitnaqqas il-manteniment hemm pattwit ghall-konvenuta u dan ghar-ragunijiet hemm indikati fic-citazzjoni attrici.

Illi fil-fatt huwa qed jallega li dan ghandu jsehh peress li qed isostni li c-cirkustanzi li kienu wasslu ghall-kondizzjonijiet tal-manteniment kif pattwiti fil-kuntratt inbiddlu. Ir-ragunijiet moghtija minnu huma li huwa ghandu problemi ta' sahha u li martu kapaci tahdem u fil-fatt tahdem u m'ghadhiex fl-istat li kienet fil-passat.

Illi l-konvenuta opponiet ghal tali talba u infatti ssostni li l-kuntratt ta' separazzjoni sar bi qbil assolut bejn il-partijiet. Hija eccepiet li l-attur beda johloq il-problemi fl-ghoti tal-manteniment lil martu meta ltaqa' ma' mara ohra li llum qed jghix maghha. Hija tichad li qieghda tahdem bi qliegh jew qed tghix ma' ragel iehor.

Illi bhala provi l-**attur**, fl-affidavit tieghu, xehed li meta gie ffirmat il-kuntratt tas-separazzjoni f'Lulju 1999 huwa sab ruhu f'posizzjoni fejn hass li kien ikun ahjar li jaccetta t-termini tal-mara biex ma jaslux sal-Prim'Awla. Martu kienet ma' l-avukat taghha u huwa ma kienx assistit. Huwa xehed li meta kienu ghadhom flimkien, martu kienet wegghet spallitha u kien minhabba dan il-fatt li s-Sekond'Awla tatha hamsa u tlettin lira Maltija (Lm35) fil-gimgha minhabba dizabilita' f'idejha. Huwa xehed li l-manteniment dejjem tahulha. Izda issa hu jhoss li martu m'ghadhiex fil-bzonn daqs kemm qalet li kienet meta ffirmaw l-kuntratt. Huwa qal li minn taghrif li kiseb personalment u minn hbieb u familjari jirrizultalu li l-konvenuta ghamlet zmien tahdem f'*dolceria* proprjeta' tar-ragel tat-tifla taghha. Imbaghad bdiet tahdem mal-Lilly White Laundry, il-Mosta. Jaf ukoll li taghmel xi xoghol tal-hjata ghan-nies.

Illi barra minn hekk huwa xehed li martu ghandha relazzjoni ma' ragel iehor u li dan ir-ragel jorqod spiss ghandha. Huma jmorru jitghallmu z-zfin u jmorru jizfnu flimkien f'diversi lokalitajiet ta' divertiment. B'hekk martu ghandha sorsi ohra ta' manteniment. Huwa jirreferi ghall-fatt li fi Frar 2002 huwa ghamel *by-pass.* Bhalissa biex

ikampa jkollu jahdem bil-lejl sabiex ikun jista' jhallas il-manteniment lil martu. Kieku kellu jahdem minghajr *overtime* u *shifts* ta' bil-lejl jkun qed jaqla' s-somma ta' Lm86.14 fil-gimgha u jrid jaghti lill-konvenuta l-ammont ta' Lm34.74 ikollu jghix b'Lm51.40. Minhabba l-operazzjoni li ghamel seta' talab li jinghata *light duties* pero' b'hekk ma jkunx qed ikun jaqla' bizzejjed. Minhabba l-kuntratt huwa lanqas jista' jikkontempla li jirtira.

Illi in kontro-ezami xehed li meta gie ffirmat il-kuntratt kellu Lm90 fil-gimgha u issa sar jaqbad Lm110 fil-gimgha. Huwa qed jghix ma' mara ohra. Din il-mara ma tahdimx pero' ghandha pensjoni. B'hekk huma jiftehmu u jaqsmu fejn jidhol il-manteniment. Qabel ma' kien jghix ma' din il-mara biddel ir-residenza tieghu xi tlett darbiet. Dak iz-zmien kien ihallas kera. Peress li qed jghix ma' din il-mara, bl-isem ukoll ta' **"B2"**, huwa ma jhallasx kera. Skond ir-religjon ta' Jahova, li taghha huwa membru, huwa u din il-mara qieshom mizzewgin u jghixu flimkien bhala tali.

Illi x-xhud **"G"** xehdet li kien hemm okkazzjoni fejn hadet gakketta ghal *dry cleaning* fil-Lilly White Laundry, il-Mosta u kien hemm prezenti l-konvenuta u kienet tidher illi tahdem hemm. *Inoltre'* hi giet imqabbda mill-attur sabiex kull meta tghaddi minn quddiem il-laundry tara jekk kienx hemm il-vettura tal-konvenuta fil-vicinanzi. Hija ssostni li fi zmien sentejn ratha xi tletin darba. Ix-xhud **"H"** ukoll ikkonferma li meta mar fl-imsemmija laundry huwa sab lill-konvenuta u raha taghmel xi xoghol u l-ircevuta (Dok. "MX" a fol.51 tal-process) kitbitilu hi stess.

Illi **"B2"**, il-persuna li qed jghix maghha l-attur prezentement, ikkonfermat li rat il-karozza tal-konvenuta ipparkjata fil-vicinanzi tal-imsemmija laundry. *Inoltre'* xehdet li diversi drabi hi u l-attur innutaw li hdejn ir-residenza ta' martu kien hemm ipparkjata l-karozza tar-ragel li mieghu l-konvenuta ghandha relazzjoni u dan f'hinijiet bikrin ta' filghodu. Qalet ukoll li f'okkazzjoni filghaxija hija u l-attur raw lill-konvenuta u lis-sieheb taghha jizfnu f'lukanda.

Illi meta xehdet *viva voce* hija spjegat li hi u l-attur mizzewgin bir-religjon tal-Jahova. Hija spjegat li l-attur kellu tmenin lira Maltija (Lm80) fix-xahar bhala kera. Hija kienet armla. Huma jghinu lil xulxin u jaqsmu l-ispejjez tad-dar bejniethom.

Illi **"J"** gie mqabbad mill-attur biex joqghod xhud ta' martu. L-attur tah ritratt tal-konvenuta. Ix-xhud qal li darba ra lill-konvenuta tizfen ma' ragel go lukanda. Ukoll meta kien ma' l-attur u anki mhux mieghu ra l-karozza tal-konvenuta barra r-residenza tal-allegat sieheb taghha, kif ukoll raha darbtejn fl-istess laundry.

Illi l-**konvenuta** xehdet li ghall-bidu ma kienx hemm problemi biex zewgha jaghtiha l-manteniment. Il-problemi bdew wara li zzewweg bir-rit tal-Jahova lil **"B2"**. Huwa beda jgib l-iskuzi ta' sahhtu pero' fil-fatt ma riedx jibqa' jmantniha biex ikun jista' jaghti l-flus lit-tieni mara (skond ir-rit tar-religjon tieghu). Hija xehdet li ppruvat issib tahdem. Matul il-hajja taz-zwieg hija dejjem hadet hsieb il-familja u qatt ma hadmet. Illum hi tbati minn idha l-leminija u ma tistax taghmel xoghol ta' tbatija.

Illi hija kompliet li fuq parir ta' psikologista biex idderri bdiet tmur fil-Lilly White Laundry li hija proprjeta' tal-habiba taghha Imelda La Grasta. Hi marret tghinhom bla flus u minn jeddhom offrewlha li jaghtuha xi haga. Matul is-sena 2002 tawha Lm240 f'sena. Hi kienet tmur meta jfettlilha. Hija tichad li ghandha relazzjoni ma' xi ragel iehor. Hija ghandha biss *dancing partner* peress li kultant nhar ta' Sibt tmur tizfen. Huwa gieli wassalha d-dar u gieli dahal ghal xi *drink*. Pero' qatt ma raqad id-dar.

Illi in kontro-ezami li hi taf li kellu problemi ta' sahha pero' anki hi kellha. Hija bla skola. Matul iz-zwieg hija ghamlet erba' snin tahdem go restaurant biex tfaddal ghat-tieg tat-tifla. Meta zzewget it-tifla wegghet idha u ma setghetx tahdem izjed. Meta gie ffirmat il-kuntratt kienet ghadha mwegga'.

Illi rigward il-Lilly White Laundry xehdet li kienet tmur biex tghin. Kienu jcemplulha u hi kienet tmur. Ma kinitx tmur

regolarment. Il-flus li tawha kienu b'kuntentizza taghhom. Hija tmur il-Hamrun ghand wahda anzjana. Tmur ghandha darba f'xahar – gieli tmur tixtrilha u ssajrilha u tatha lira u nofs (Lm1.50). Tmur ukoll ghand familja ohra.

Illi hija cahdet li r-ragel li tmur tizfen mieghu jorqod ghandha u li hi torqod ghandu. Huma jmorru jizfnu f'diversi postijiet f'Malta fil-weekends. Hija qalet ukoll li se taghmel operazzjoni fiz-zewg idejn. Ma tistax tqandel. Hija spjegat li l-problema li kellha fl-antik mhiex l-istess problema li ghandha llum.

Illi x-xhud **Imelda La Grasta**, habiba tal-konvenuta, proprjetarja tal-Lilly White Laundry, xehdet li meta l-konvenuta kellha *depression* qawwija hija marret maghha ghand il-psikologista Frank Muscat. Hi offrietilha li sabiex idderri tmur fil-*laundry.* Il-konvenuta kienet tmur hemmhekk kultant biex taghtiha daqqa t'id. Huma qatt ma mpjegawha bhala haddiema regolari. Il-konvenuta kienet tmur xi ftit sieghat fil-gimgha u qatt ma tawha paga li setghet tghaddi biha. Hi kienet taghmlilhom xi moghdija tal-hwejjeg. Fil-perjodu li l-ġenituri ta' zewgha, li hu Taljan, kienu mardu sew u x-xhud u zewgha kellhom isiefru spiss, il-konvenuta kienet tmur tghinhom.

Illi **"F"**, iben il-kontendenti, xehed li l-ġenituri tieghu sseparaw minhabba r-religjon tal-Jahova ta' missieru. Hu spjega li missieru minn mindu qed ighix ma' din il-mara ffranka l-kera. Ix-xhud jghix m'ommu u sostna li ommu ma' tghix ma' ragel iehor. Ommu tahsillu u ssajjarlu. Hi dejjem id-dar u m'ghandha l-ebda impjieg regolari. Ommu tilmenta minn ugiegh f'idejha u lanqas tista' taghsar wisq.

Illi in kontro-ezami xehed li l-*laundry* damet tmur anqas minn sentejn u ma kinitx tmur regolarment. Il-proprjetarja tal-*laundry* kienet iccemplilha li ma tiflahx u hi kienet titlobha biex tmur tghinha. Huwa xehed ukoll li ommu ghandha *boyfriend* regolari. Dan qatt ma raqad id-dar sakemm ikun hemm hu. Huwa qal li ommu fil-*weekend* dejjem id-dar torqod u meta jidhol lura mill-hrug ghall-habta tat-3.00a.m. dejjem isib lil ommu rieqda. Ghalkemm huwa gieli ma jkunx id-dar fil-*weekends.* Ommu kienet

tmur tahdem b'mod regolari fid-dolceria t'ohtu. Ma jeskludix li kienet tithallas. Qabel is-separazzjoni kienet tahdem f'*restaurant.*

Illi wara li qieset dawn il-konsiderazzjonijiet kollha din il-Qorti thoss li qabel xejn ghandha tirreferi ghal-**artikolu 992 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta** jistipula :-

*"(1) Il-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.*

*(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi."*

Illi fil-kuntest ta' pattijiet f'kuntratt ta' separazzjoni u talbiet ghall-tibdil fl-istess partikolarment ghal dak li jirrigwarda manteniment fil-kawza fl-ismijiet **"Emanuel Bugeja vs Mary Rose Bugeja et"** deciza min din il-Qorti, kif preseduta fl-4 ta' Lulju, 2002 inghad illi:-
"*Illi dan il-kuntratt sar abbazi tal-**artikolu 59 tal-Kap 16**, u din ghandha l-effetti taghha kif provduti fl-**artikolu 35 tal-Kodici Civili**, u bhala tali twaqqaf kull pendenza gudizzjarja dwar is-separazzjoni personali bejn il-partijiet u konjugi, b'dan li l-istess seperazzjoni hija regolata biss bl-istess kuntratt, hlief ghal dak provdut fl-**artikolu 61 tal-Kap 16**, fl-interess tal-istess minuri, fejn din il-Qorti tista' thassar kull ftehim bejn il-partijiet dwar l-istess ulied, dejjem fl-interess ta' l-istess minuri".*

*"Illi allura ssegwi li ghal kull provediment iehor, inkluz biex jithassar jew jigi varjat dak li hemm miftiehem bejn il-partijiet, wiehed irid jipprocedi taht id-dispozizzjonijiet relattivi dwar kuntratti in generali quddiem din il-Qorti, li ghandha kompetenza generali, hlief jekk provdut b'mod iehor b'xi ligi, dwar kwistjonijiet kollha ta' natura civili u kummercjali".*

*"Illi dan ifisser b'relazzjoni ghall-pendenza odjerna, li kull talba ghall-varjazzjoni ta' manteniment, jew anke ghall-konferma tal-istess manteniment, li dwaru hemm dispozizzjonijiet 'ad hoc' bejn il-partijiet fl-istess kuntratt*

*iffirmat bejniethom, ghandu u jista' jsir biss lil din il-Qorti, u l-ebda Qorti ohra, anke ghaliex il-kompetenza tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili hija strettament dik ta' Qorti volontarja u mhux kontenzjuza, hlief ghal dawk il-provvedimenti legali u ristretti, dwar manteniment, u konsiderazzjoni ohra biss konnessi mal-awtorizzazzjoni sabiex il-konjugi jipprocedu ghal separazzjoni personali quddiem din il-Qorti, u ghall-manteniment, kustodja u pendenzi dwar id-dar konjugali, pendente lite.*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Galea vs Galea"** deciza minn din il-Qorti, diversament preseduta, fis-26 ta' Frar, 1956, li kienet titratta ghall-talba ghall-awment ta' manteniment minn dak pattwit intqal illi "*l-promotur tal-alimenti stabbiliti bis-sahha ta' transazzjoni, hija ligi bejn il-partijiet li jistipulawha u ma tistax tithassar hlief bil-kunsens taghhom jew ghar-ragunijiet validi skond il-ligi ghal kawzi stabbiliti ghal impunjazzjoni tal-kuntratti, u li, ghalhekk, din it-transazzjoni li saret obbligu kuntrattwali ma tistax tithassar jew tinbidel, hlief bil-volonta' tal-kontraenti*".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Victoria Camilleri pro et noe vs Mahmood Faraj Abdul Kareem"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Novembru, 1994 dik l-Onorabbli Qorti qalet illi:-

*"… **l-artiklu 992 sub-artiklu (2) tal-Kodici Civili** jghid hekk:*

*"Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi"*

*u dan wara li s-subartiklu (1) jghidilna li:*

*"Il-kuntratti maghmulin skond il-ligi, ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom".*

Illi ta' rilevanza wkoll jista' jkun l-**artikolu 21 sub-artiklu (1)** kif emendat bl-**Att XXI ta' l-1993** li jitkellem dwar l-obbligu ta' manteniment in generali u mhux dak bejn il-konjugi u dan illum jipprovdi li:-

*"Meta min jaghti l-manteniment jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu, hu jista' jitlob li jkun mehlus mill-obbligu tieghu, jew li tkun imnaqqsa s-somma tal-manteniment skond ma jkun il-kaz."*

Illi dwar l-**artikolu 21** l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha datata 15 ta' Mejju 1998 fl-ismijiet **"Edward Galea vs Josephine Galea pro et noe"** qalet illi:-

*"Din id-dispozizzjoni ma tiddistingwix bejn l-ghoti "volontarju", "ope sententiae" jew "ex contractum" tal-manteniment".*

Illi dwar il-portata ta' dan l-artikolu dik l-Onorabbli Qorti qalet illi:-

*"Li ma huwiex daqstant car pero` hu jekk dan l-artikolu japplikax biex jirregola wkoll l-obbligu tal-manteniment bejn il-konjugi. Dan ghaliex l-**artikolu 21** jinsab fis-sub-titolu (2) ta' l-Ewwel Titolu tal-Kodici Civili li jirregola expressis il-jeddijiet u d-dmirijiet bejn axxendenti, dixxendenti u ahwa. Hu subtitolu li fil-fatt jirregola fid-dettal ir-relazzjonijiet bejn dawn il-persuni u fl-ebda mument u fl-ebda disposizzjoni tieghu ma jidher li qieghed b'xi mod jirregola r-relazzjonijiet bejn il-konjugi".*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Ruth Sultana proprio et nomine vs Emanuel Sultana"** (P.A. (RCP) 26 ta' Frar 2004) illi forsi huwa aktar relevanti huwa l-**artiklu 32 tal-Att XXI** fuq imsemmi li emenda l-**artiklu 54 tal-Kodici Civili li fis-sub-artiklu 7,** kif emendat, jipprovdi:-

*"Meta jkun hemm tibdil li jigri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli ghall-manteniment jew il-bzonnijiet tal-parti l-ohra, il-Qorti tista' fuq it-talba ta' kull wahda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skond il-kaz".*

Illi din il-Qorti tinnota li f'dan l-ahhar artikolu imsemmi ma jinghad xejn dwar jekk l-istess disposizzjoni tirreferhiex ghall-manteniment stablit b'kuntratt jew b'sentenza, pero' hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li la darba l-istess sub-artikolu huwa parti mill-**artikolu 54** li fl-ewwel subartikolu tieghu qed jitkellem dwar *"l-parti li kontra taghha tinqata' l-firda…"* dan qed jirreferi biss ghal meta l-istess manteniment jigi stabilit b'ordni jew sentenza tal-Qorti u mhux fil-kaz ta' separazzjoni konsenswali. Fil-fatt fl-istess titolu tal-Kodici s-separazzjoni konsenswali hija biss trattata fl-**artikolu 59** *et sequitur***.**

Illi fil-fatt fl-ambitu biss ta' manteniment ordnat mill-Qorti s-sentenza **"Saviour Zahra vs Maria Antoinette Zahra pro et noe"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Lulju 2001, u dik ta' **"Edward Galea vs Josephine Galea pro et noe"** fuq imsemmija qalet illi:-

*"It-test allura hawn, iktar milli tibdel fic-cirkostanzi b'mod generali jirrikjedi studju komparattiv dwar kambjamenti fil-mezzi tal-konjugi obbligat li jhallas il-manteniment u l-bzonnijiet tal-konjugi li ghandu dritt jircevihom".*

Inghad ukoll f'din is-sentenza ta' **"Zahra vs Zahra"** (*supra citata*) illi:-

*"dan l-obbligu ghall-manteniment m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew ma' l-introjtu tal-missier izda huwa obbligu assolut"* ***"Maria Bugeja pro et noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja"*** *(P.A. (F.D) Cit Nru 154/4).*

Illli *invece* fil-kuntest ta' manteniment pattwit, u dan wara d-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti skond kif provdut fil-ligi taghna, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza **"Vella vs Vella"** tal-11 ta' Jannar, 1996 irriteniet li:-

"*Huwa minnu li "ad impossibilia nemo tenetur". Dan pero' biss f'cirkostanzi l-aktar eccezzjonali u ben provati meta l-Qorti tkun ghal kollox konvinta li c-cirkostanzi godda mhux biss ikkagunaw l-"impossibilita"' fis-sens reali u estrem tal-kelma, imma wkoll li tali cirkostanzi kienu ghal kollox inevi-*

*tabbli u ma gewx provokati b'xi agir tad-debitur. Semplici tibdil f'sitwazzjoni finanzjarja wahdu ma jaghtix id-dritt ghar-revizjoni tal-obbligu ghall-hlas ta' retta alimentari liberament assunt. Hu car li l-obbligazzjonijiet kontrattwali ghandhom jigu rispettati u osservati. Ghalkemm hu minnu li l-Ligi llum ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn il-manteniment "ex lege", jigifieri dak determinat b'sentenza tal-Qorti, jew dak "ex contractu", in kwantu tezisti l-possibbilita' ta' min hu obbligat li jhallas il-manteniment li "jitlob li jkun mehlus mill-obbligu jew ikun imnaqqas skond ma jkun il-kaz", jekk jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu, (art. 21 (1) ta' l-Att XXI ta' l-1993) jibqa' japplika dejjem il-principju illi Pacta Sunt Servanda. Dan ifisser li fil-kaz ta' manteniment stabbilit ex contractu, il-kriterji li ghandhom iwasslu lill-Qorti biex tvarja, u anke f'certi kazijiet tissospendi, l-obbligu ghall-manteniment, huma aktar rigidi u gravi minn dawk li_tista' tapplika l-Qorti fil-kazijiet fejn hi stess stabbiliet ir-retta alimentari minghajr il-kunsens tal-konjugi. Kien ghal din ir- raguni u f'dan il-kontest li l-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet:* ***"Victoria Camilleri vs Mohammed Farag Abdul Kareem"****, deciza fit-2 ta' Novembru, 1994, htigielha taghmel ir-rikjam ghall-principju generali li wkoll jirregola l-interpretazzjoni tal-kuntratti li hadd ma jista' jigi tenut jaghmel l-impossibbli*".

Illi din il-Qorti taqbel ma' dan l-apprezzament hawn citat biss in linja generali, ghaliex l-applikazzjoni tal-**artikolu 21 tal-Kap 16** f'kuntest ta' ftehim ghal separazzjoni hija fl-umili opinjoni ta' din il-Qorti wahda dubjuza. Pero' din tigi trattata f'kazijiet ohra u forsi f'fora ohra.

Illi din il-Qorti tirreferi wkoll ghall dak li inghad fis-sentenza **"Louis Cutajar vs Josette Farrugia gia' Cutajar"** (Cit. Nru: 1438/95/RCP – 29 ta' April 2004). Ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **"Ruth Sultana *proprio et. nomine* vs Emanuel Sultana"** (P.A. (SF) (RCP) 26 ta' Frar 2004) fejn din il-Qorti wara li ezaminat id-dispozizjonijet ta' l-**artikolu 54 tal-Kap 16** waslet ghall-konkluzzjoni li tali artikolu ma japplikax ghal talbiet ghall-varjazzjoni ta' manteniment stabbilit b'kuntratt bejn il-partijiet u l-principju li japplika ghall-istess talbiet huwa li l-

kuntratt huwa ligi bejn il-partijiet u ghandu jigi rispettat bhal kull kuntratt iehor bejn il-kontraenti.

*Inoltre* fis-sentenza fl-ismijiet **"Alfred Grech vs Pauline Grech pro et noe"** (App.Nru: 2479/1996/1 – 16 ta' April 2004) deciz mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell gie riaffermat li:-

*"Huwa minnu li l-ligi civili taghna ma toqghodx tiddistingwi bejn manteniment impost jew ordnat mill-Qorti minn iehor pattwit bejn il-konjugi nfushom ghall-fini ta' varjazzjoni. Imma l-appellant messu jaf ukoll li fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-principju ta' pacta sunt servanda. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita' li fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' ta' l-attur li gabuh fl-impossibilita' li jhallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel. Effettivament, din il-Qorti jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti "ope legis" minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess. Fit-tieni kaz, wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn."*

Illi *inoltre* f'**Noel Scerri vs Anna Scerri"** (Cit. Nru:2667/1998 – P.A. (RCP) - 29 ta' April 2004), il-Qorti kkummentat hekk :

*"Illi l-Qorti tosserva il-kuntratt bejn il-partijiet huwa ligi ghall-istess, u l-unika cirkostanza fil-ligi fejn l-istess jista' jigi varjat, u dan qed jinghad biss bhala linja generali, huwa meta jkun hemm l-interess tal-minuri taz-zwieg fin-*

*nofs, fejn il-Qorti ghandha l-poter li tiehu kull provvediment anke' kontra dak li qablu dwaru l-partijiet biss fl-interess suprem tal-minuri. Ovvjament dan mhux il-kaz odjern, u ghal dawn il-principji l-Qorti tirreferi ghal dak li gja' gie tenut minnha f'diversi sentenzi fosthom* ***"Mario Galea vs Maria Concetta Galea pro et noe"*** *(Cit. Nru: 1168/99RCP – deciza fit-2 t'Ottubru 2003) u* ***"Anthony Azzopardi vs Rita Azzopardi"*** *(Cit. Nru: 412/00RCP – deciza fid-29 ta' Mejju 2003)."*

Illi bazikament dan l-insenjament huwa konferma ta' dak li inghad fis-sentenza **"Walter Borg St.John vs Christine Borg St.John"** (P.A. (N.A.) 31 ta' Mejju 2002 - Cit. Nru: 976/00) fejn gie ribadit li :-

*"Il-partijiet isseparaw konsenswalment u dan il-fatt, …., ghandu l-konsegwenzi legali tieghu in vista tal-principji kollha ezistenti fil-materja illi l-obbligazzjonijiet kontrattwali, volontarjament assunti, iridu jkunu rispettati;"*

*"Il-kuntratti ta' separazzjoni konsenswali pero' huma kuntratti partikolari u normalment jittrattaw tlett tipi ta' obbligazzjonijiet – dawk purament personali, dawk purament proprietarji, u dawk misti. Fl-obbligazzjonijiet purament personali bhalma hija l-kwistjoni tal-kura u kustodja tal-minuri ma hemmx dubbju illi, anke fl-interess suprem tal-minuri, il-Qorti tista' fi kwalunkwe hin tbiddel anke dak pattwit mill-partijiet fejn ic-cirkostanzi hekk jirrikjedu. Ghall-kuntrarju, per ezempju, fil-likwidazzjoni u assenjazzjoni reciproka tal-komunjoni ta' l-akkwisti l-Qorti hija totalment marbuta bil-kunsens tal-partijiet u dak deciz minnhom ma jistax jigi varjat ikunu x'ikunu c-cirkostanzi li jinqalghu. Il-pagament ta' l-alimenti u mill-1993 id-decizjoni dwar id-dar konjugali jappartjenu minn dawk l-obbligazzjonijiet li ghandhom natura mista peress illi hemm l-element tal-personali u tal-parafernali. Hu ghalhekk illi f'kazijiet fejn din il-materja tkun <u>giet deciza mill-Qorti stess</u> il-ligi tipprovdi illi fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet <u>f'kaz ta' tibdil fic-cirkostanzi</u> l-Qorti tista' tordna li l-manteniment ordnat jinbidel jew tbiddel dawk il-provvedimenti fir-rigward tad-dar matrimonjali (**Artikolu 54(7) u 55 A (2) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16**)."*

Illi fl-istess sentenza l-Qorti kompliet :-

*"Il-gurisprudenza tal-Qrati taghna pero' probabilment konxja minn uhud mill-principji fuq enuncjati evolviet f'materji bhal dik inkwistjoni id-dottrina tan-nemo ad impossibilia tenetur li applikat ghal dawn il-kazijiet wasslet ghal diversi sentenzi fejn il-manteniment pattwit f'kuntratt ta' separazzjoni personali gie varjat mill-Qorti a bazi ta' dan il-principju. Biex ikun applikabbli dan il-principju ghalhekk huwa ta' aktar rilevanza l-element ta' l-impossibilita' milli dak tat-tibdil fic-cirkostanzi. Mill-banda l-ohra jrid verament ikun hemm impossibilita' ta' min qed jitlob biex jitnaqqas l-ammont in kwistjoni w impossibilita' ma tfissirx tbatija jew sagrificcju li jridu jigu sofferti minn min bl-agir tieghu volontarjament accetta certu kondizzjonijiet f'kuntratt konsenswali."*

Illi jonqos issa li dan l-insenjament jigi applikat ghal kaz in ezami u wara li ezaminat il-provi kollha prodotti dinil-Qorti thoss li ghandha tghid li fl-ewwel lok ghalkemm l-attur donnu jrid jaghti x'jifhem li meta gie ffirmat il-kuntratt tas-separazzjoni konsenswali huwa ma kellux triq ohra x'jaghmel hlief li jiffirmah, dan bl-ebda mod ma' gie ppruvat jew b'xi mod sostanzjat anzi jista' jinghad li mill-ezami tal-provi kollha prodotti jirrizulta mod iehor.

Illli fil-fatt f'dan il-kuntest jista' jinghad li l-kuntratt gie ffirmat mill-partijiet fil-kawza wara li kienu saru trattativi bejn il-partijiet kif assistiti mill-avukati rispettivi taghhom u dan jirrizulta mill-korrispondenza skambjata bejn l-istess partijiet u li tinsab esebita fl-atti processwali u dan apparti l-fatt li dan il-kuntratt, bhal kull kuntratt iehor ta' separazzjoni, validamtament konkluz, sar u gie ppublikat wara d-debita awtorizzazzjoni minn dak li kienet is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, u li dakinhar jidher li kienet presjeduta mis-Sinjora Tieghu l-Prim'Imhallef Joseph Said Pullicino, kif l-istess kuntratt a fol. 7 sa 12 tal-process jindika fid-dokument esebit bhala Dok. "B" mac-citazzjoni attrici.

Ill jinghad ukoll li l-attur ma ghamel l-ebda procedura sabiex jattakka l-validita’ ta’ l-istess kuntratt u b’hekk dan huwa kuntratt validu skond il-ligi, tant li l-azzjoni attrici hija proprju ibbazata fuq l-validita’ ta’ l-istess kuntratt tant li ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni attrici l-istess attur qed jitlob il-varjazzjoni ta’ l-istess minhabba l-allegat tibdil fic-cirkostanzi.

Ill fil-verita’, kif diga’ inghad, l-attur qed jitlob zewg affarijiet u cioe’ li (1) jitnaqqas il-manteniment pattwit lil martu u (2) li tigi riveduta l-klawzola 4 (ii) tal-kuntratt fis-sens li ghandu jitnaqqas is-sehem percepibbli mill-konvenuta.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-manteniment, il-klawzola 4 (1) tal-kuntratt pubbliku datat l-1 ta’ Lulju 1999 tghid hekk :-

*“4 (i) Ir-ragel huwa obbligat u qed jobbliga ruhu li jivversa lil martu retta alimentarja ta’ erbgha u tletin lira maltin (Lm34) fil-gimgha, liema somma pero’ qieghda tigi ridotta ghall-ewwel tlett (3)  snin mil-lum ghas-somma ta’ tletin lira maltin (Lm30) fil-gimgha. Wara li jghaddu dawn it-tlett (3) snin, ir-ragel ikun obbligat li jibda jhallas lill-mara r-retta alimentarja shiha fl-ammont ta’ erbgha u tletin lira maltin (Lm34) fil-gimgha, liema retta ta’ erbgha u tletin lira maltin (Lm34) fil-gimgha ghandha tibda tizdied annwalment in kumpens ghall-gholi tal-hajja u dan ai termini tal-Indici tal-Inflazzjoni ippubblikat minn sena ghal sena mill-Gvern ta’ Malta. Il-manteniment dovut lill-mara ghandu jithallas permezz ta’ cheque pagabbli lil* ***“B”*** *u li ghandu jintbaghat fir-residenza taghha.”*

Illi l-attur qed isostni li minhabba l-fatt li huwa ghamel l-operazzjoni serja tal-*bypass* ikun preferabbli ghalih li kieku kellu jnaqqas mix-xoghol. Izda prezentement dan ma jistax jaghmlu minhabba li biex ikun jista’ jghaddi l-manteniment pattwit lil martu huwa jkollu jahdem bis-*shift.*

Illi dwar dan jinghad abbazi tal-gurisprudenza fuq citata ma hemm l-ebda dubju li  dan l-allegat tibdil fic-cirkostanzi ma jwassalx sabiex xi wahda mit-talbiet attrici ghandha tigi milqugha u dan anke ghaliex fl-istess kuntratt ma’ hemm xejn li jindika li kellu jkun hemm xi varjazzjoni ta’

manteniment kif mitluba llum mill-attur fic-citazzjoni odjerna u fil-kaz hawn indikat jew allegat. Anzi jidher li l-partijiet ikkonsidraw il-possibilita' li l-attur ghal xi raguni anke dik ta' sahha ma jiqbax jircievi l-paga li ghandu u jew johrog bil-pensjoni jew jigi *"boarded out",* tant li f'tali kazijiet hemm il-ftehim stipulat bejn l-istess partijiet f'dik li hija klawsola 4 (ii) ta' l-imsemmi kuntratti, kwalsola li ironikament l-attur qed jittanta li jvarja. Ghalhekk tali talbiet huma insostenibbli legalment ghaliex ir-relazzjoni tal-partijiet hija regolata fl-istess kuntratt u l-istess kuntratt huwa ligi bejn il-partijiet u certament ma' jaghti l-ebda dritt lill-attur li jnaqqas il-manteniment li huwa obbliga ruhu li jaghti lill-konvenuta.

Illi l-attur allega wkoll li tali manteniment ghandu jitnaqqas peress li jallega li martu tahdem u li l-kundizzjoni ta' sahhitha m'ghandhiex li kienet meta gie ffirmat il-kuntratt u b'hekk tista' tahdem. Skond il-verbal tal-11 ta' Ottubru 2005 l-attur iddikjara li lest ihallas l-ammont ta' hamsa u ghoxrin (Lm25) fil-gimgha lill-konvenuta, li min-naha taghha tinsisti li l-kuntratt jigi osservat.

Illi dwar din il-pretensjoni l-attur jallega li l-konvenuta qed tahdem. Il-konvenuta kkontradixxiet dan billi sostniet u xehdet li ghalkemm gieli marret il-Lilly White Laundry, kienet tmur hemm biss biex tghin u kien sena minnhom biss li hija hadhet kumpens ta' cirka mitejn u erbghin lira Maltija (Lm240). Tinsisti li hija qatt ma' kellha xi xoghol regolari. Jidher li gieli wkoll tmur ghand xi zewg familji pero' l-introjtu li ssemma' huwa wiehed minimu. F'dan il-kuntest u abbazi tal-provi prodotti l-allegazzjoni attrici dwar l-allegat introjtu tal-konvenuta ma gietx ippruvata u ghalhekk bhala fatt l-allegazzjoni attrici ma hijiex attendibbli. Din il-Qorti zzid pero' tghid li legalment l-azzjoni attrici ghall-varjazzjoni ta' manteniment pattwiet fuq din il-bazi hija insostenibbli u dan ghaliex l-istess sitwazzjoni hija regolata mill-kuntratt imsemmi li bl-ebda mod ma jipprovdi li jekk il-konvenuta jkollha xi introjtu jew qliegh l-manteniment li l-attur obbliga ruhhu li jhallas ghandu b'xi mod jigi mnaqqas.

Illi anzi fl-istess kuntratt jidher li l-partijiet hassbu wkoll fuq introjtu iehor inkluzi akkwisti jew qliegh li jista’ jkollhom fil-futur u jidher li qabblu li dan ma’ ghandu jgib l-ebda tibdil fil-kundizzjonijiet pattwieti fl-istess kuntratt. Infatti l-klawsola 5 (ii) ta’ l-istess kuntratt tipprovdi li:-

*“Kull akkwist u/jew* <u>*qliegh eventwali*</u> *li jsir mill-partijiet ikunu proprjeta’ shiha u esklussiva ta’ dik il-parti li taghmel it-tali akkwist u/jew qliegh u dan minghajr ebda dritt jew ingerenza tal-parti l-ohra fuq l-istess”.*

Illi barra minn dan l-istess partijiet permezz ta’ klawsola numru tmienja (8) ta’ l-istess stipulaw li:-

*“Il-konjugi* ***“A+B”*** *jaqblu illi t-termini u l-kondizzjonijiet ta’ dana l-att jiqbghu fis-sehh u vinkolanti ghall-effetti kollha tal-ligi, anke fil-kaz ta’ divorzju……………...”*

Illi l-istess konsiderazzjonijiet japplikaw ghal dak li l-attur jalludi bhala l-potenzjal tal-konvenuta li tmur tahdem, konsiderazzjoni li zgur il-partijiet hadu kaz taghha meta sar il-kuntratt; jinghad li din is-sentenza qed tinghata cirka seba’ (7) snin wara li sar il-kuntratt u ghalhekk illum l-konvenuta ghandha ‘l fuq minn hamsin sena. Ma’ dan il-Qorti zzid li jekk il-konvenuta ghandha d-delizju li tmur tizfen ma ghandu jimpingi xejn fuq l-ammont ta’ manteniment iktar u iktar fuq it-tnaqqis *o meno* tal-manteniment. Kif *del resto* ma jimpingi xejn il-fattur li l-attur ihaddan ir-religjon tal-Jahovah u li llum jidher li qed jghix ma’ mara ohra li gie allegat li skond l-istess religjon jirrizulta li ghalkemm mhux mizzewweg huwa obbligat li jmantni.

Illi dan japplika wkoll ghar-rigward tat-tielet talba attrici cioe’ fejn l-attur talab li tigi riveduta l-klawzola 4 (ii) tal-kuntratt *‘de quo’*, liema klawzola tghid hekk :-

*“4 (ii) Malli r-ragel jibda jdahhal il-pensjoni, jew inkella f’kaz illi huwa jigi “boarded-out”, il-pensjoni percepibbli minnu ghandha tinqasam bejn iz-zewg konjugi “A + B”, fi kwoti indaqs u ugwali bejniethom.”*

Illi skond il-verbal tal-11 ta’ Ottubru 2005 l-attur iddikjara li qed jippretendi li l-konvenuta tithallas terz.

Illi skond dak li xehed fl-affidavit tieghu (a fol.58 tal-process) l-attur spjega li skond il-kalkoli tieghu, abbazi ta’ l-informazzjoni moghtija lilu mid-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali (vide Dok. “AT 1” a fol.59 tal-process) il-pensjoni tieghu tkun bir-rata ta’ Lm84 fil-gimgha. Skond il-kuntratt u din il-klawsola l-konvenuta ghandha dritt ghal nofs l-istess ammont. Dan jista’ jkun ifisser li l-attur ikun qed idahhal anqas flus u fil-waqt li l-konvenuta tkun ser tippercepixxi aktar milli qed taqla’ issa.

Illi certament li dawn huma kalkoli li l-istess partijiet setghu u kellhom jaghmlu qabel u jinghad li ma kienx hemm xejn li jzomm lil l-attur li jaghmel tali kalkoli tieghu. Jirrizulta li l-istess attur kien f’posizzjoni li jivverifika qabel li kieku ried u jiddeciedi abbazi t’hekk. Jekk dan l-attur ma ghamlux hadd ma’ ghandu jahti hlief huwa stess, izda certament ma’ hemmx lok sabiex abbazi ta’ dan xi talba attrici dwar din il-kwalsola ghandha b’xi mod tigi milqugha.

Illi ghall-kompletezza jinghad li l-principju ta’ *“nemo ad impossibilia tenetur”* ma huwiex ukoll applikabbli ghall-kaz odjern, proprju ghaliex ma jirrizultax li dan huwa kaz ta’ impossibilita’. Infatti ma tirrizultax x’impossibilita’ min-naha ta’ l-attur illi huwa ma jistax ikompli jhallas il-manteniment pattwit li huwa fl-ammont ta’ circa hamsa u tlettin lira Maltija (Lm35). Ta’ min jirreferi hawn ghall-principju li *“…impossibbilita’ ma tfissirx tbatija jew sagrificcju li jridu jigu sofferti minn min bl-agir tieghu volontarjament accetta certu kondizzjonijiet f’kuntratt konsenswali”* (vide **“W. Borg St. John vs C. Borg St.John”,** P.A. Cit Nru: 976/00 M1 NA – 31/05/2002).

Illi fil-fatt jinghad li ghalkemm l-attur kellu xi problemi ta’ sahha wara li gie ffirmat l-kuntratt pero’ mhux fl-impossibilita’ li jibqa’ jahdem u fil-fatt kien u ghadu jahdem. *Inoltre’* jekk issir referenza ghal Dok. “AT 3” (a fol.62 tal-process) Mr Alexander Manché, Consultant Cardiothoracic Surgeon M Phil (Lond), FRCS (CTh), FETCS iccertifika *“It would be beneficial to his health if he*

*could avoid heavy lifting and prolonged periods of overtime."*

Illi mhux hekk biss, imma rrizulta mill-provi li attwalment il-paga ta' l-attur zdiedet minn disghin lira Maltija (Lm90) ghal mija u ghaxar liri Maltin (Lm110) (a fol.88 tal-process). *Inoltre'* fejn qabel kien jikri post, illum il-gurnata qed ighix mas-siehba tieghu u b'hekk iffranka l-flus tal-kera.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda bazi ghaliex it-talbiet attrici ghandhom jigi milqugha u ghar-ragunijiet fuq imsemmija t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tichad it-talbiet attrici** peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------